Minuti tal-laqgħa numru tmienja u ħamsin (58) tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi (KLQ) li nżammet nhar it-Tnejn, 24 ta' Lulju 2023 fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Parroċċa, l-Qrendi, fl-4.30pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Is-Sur David Schembri MQR | Sindku |
| | Is-Sur Patrick Bugeja | Viċi Sindku |
| | Is-Sa Marion Parnis | Kunsillier |
| | Is-Sur Charles Zerafa | Kunsillier |
| | Is-Sur Daniel Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |

| | | |
|---|---|---|
| 58.1 | **Qari tal-ittri tal-apoloġiji**<br>Il-membri qalu t-talba kollha flimkien u s-Sur David Schembri, is-Sindku, ippresjeda l-laqgħa. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija. | Talba u Apoloġiji |
| 58.02 | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Miniuti numru sebgħa u ħamsin (57)**<br>Il-minuti tal-laqgħa sebgħa u ħamsin (57) kienu approvati unanimament wara li kienu proposti mis-Sur Patrick Bugeja u ssekondati mis-Sur Daniel Farrugia u sarulhom żewġ korrezzjonijiet: il-bżonn li jkollna aktar dettalji dwar l-Open day tal-KLQ proposta mil-Kumitat Nazzjonali taċ-ċelebrazzjonijiet tat-30 sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali. | Minuti |
| | **Punti mill-minuti** | |
| 58.02.01 | Is-Sindku, is-Sur David Schembri informa lill-kunsillieri bir-risposta li ħadna mill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq dwar il-proposti li kien għamel il-Kunsill Lokali tal-Qrendi. Kienu approvati Wesgħet Nikol Aquilina, Daħlet id-Dokkiena, Triq Um el-Faroud, Triq San Franġisk, Triq il-Kapuċċini, Triq l-Għargħar u Sqaq il-Misqa. Minflok Triq il-Madonna taċ-Ċintura, kienet aċċettata Trejqet il-Ħnejja. Kien aċċettat Sqaq Bur Baġar u l-KLQ qed jisħaq li ma jkunx numru 1 iżda Sqaq Bur Baġar biss u s-Sur Patrick Bugeja issuġġeriuxxa li t-tieni sqaq ikun jismu Sqaq il-Bdiewa. Ma kienx hemm oġġezzjoni mil-kunsillieri dwar dan. Il-KLQ hu tal-fehma illi Triq iż-Żellieqa jkun jisimha Triq iż-Żelliqat, kif inhi magħrufa man-nies. | Ismijiet tat-toroq ġodda |
| 58.02.02 | Is-Sindku, is-Sur David Schembri ta update tal-ħofra li kien hemm fi Triq Gregorju Mifsud li kienet kaġunata minn sieq ta' crane u damet erba' ġimgħat biex tlestiet mit-tiswija. | Triq Gregorju Mifsud |
| 58.3 | **Komunikazzjoni mis-Sindku** | |
| 58.5 | **Talba biex ikun hemm pagament bil-quddiem tal-Grant Agreement 21918/268523/2022 Miżura 19.2 Sub Miżura 3 – Mine and Yours: Qrendi's True Cultural Identity.**<br>B'riferenza għall-advanced payment, *Il-Qrendi, Mine and yours, through Cultural Identity*, mill-Aġenzija tal-Pagamenti, is-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi kien infurmat mil-GAL Xlokk illi jekk ma napplikawx għalih, m'hu se nkunu qed nitilfu xejn ħlief ħin żejjed għaliex fil-claim aħħari xorta waħda se nkunu qed nirkupraw l-ispejjeż fl-intier tagħhom. | Advanced Payment mill-ARPA |
| 58.6 | **Għażla taż-Żgħażugħ / Żgħażugħa li se jirrappreżenta lill-Qrendi fis-Sezzjoni tal-Parlament taż-Żgħażagħ tat-22 ta' Settembru, 2023**<br>Il-KLQ innota illi ħadd miż-żgħażagħ ma applika biex ikun jista' jipparteċipa fis-seduta tal-Parlament taż-Żgħażagħ aktar tard din is-sena minkejja l-avviż li sar fuq is-social media. Għaldaqstant, se nerġgħu inġibuh bid-differenza illi | Kunsill Nazzjonali taż-żgħażagħ |

| | | |
|---|---|---|
| | lanqas m'aħna se nitolbu cv tagħhom. Dan l-item se jiddaħħal fl-agenda tal-laqgħa li jmiss filwaqt li s-Sindku, is-Sur David Schembri saħaq biex ikun hemm kuntatt personali maż-żgħażagħ mil-kunsilliera infushom. | |
| 58.7 | **Ċentru Ċiviku**<br>Is-Sindku, is-Sur David Schembri, tkellem dwar il-lift u l-grant mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali ta' Eur17,000 meta fil-verità dan il-lift hu antiċipat li jkun jiswa Eur40,000 u mil-preżentazzjoni tal-proposta sal-llum dan il-lift issa ġie outdated.<br>Għaddejna wkoll id-dokumenti biex jiġu uploaded fuq is-sistema tal-E-Tenders lis-Sur Ryan ??? u issa d-DSE irid jimla' formula tal-????? biex dan ikun jista' jipproċedi kemm bl-internal finishings kif ukoll bil-playing field equipment. Is-Sur David Schembri qal illi din it-tender kienet ġejja tiswa Eur860,000 u kellha tinqasam fi tlieta (anke dwar l-attrezzaturi interjuri) biex nevitaw li tkun pubblikata fl-EU Internationa Journal. | Ċentru Ċiviku - lift |
| 58.8 | **Intervista għall-Post Vakanti tas-Segretarju Eżekuttiv**<br>Il-KLQ kien infurmat bl-iżvilupp dwar l-intervista tas-Segretarju Eżekuttiv biex timtela' din il-kariga. Wara l-laqgħa li kellhom is-sinjuri tal-bord tal-għażla mas-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv, kien deċiż li dawn ikollhom f'idejhom il-Performance Appraisals tal-aħħar tliet snin taż-żewġ membri li għandhom ix-xewqa li jimlew din il-vakanza. Ta' persuna minnhom għandna u tal-oħra s'issa ma kienetx mogħtija lilna. | Segretarju Eżekuttiv |
| 58.9 | **Draft tar-Risposta tal-Management Letter ye 2022**<br>Ir-risposta tal-Management Letter għas-sena 2022 kienet draftjata mid-DSE wara li integra wkoll fiha r-risposti tal-Accountant tal-KLQ. Din kienet preżentata bħala dokument ta' din l-agenda u għaldaqstant kienet meħuda wkoll bħala moqrija. Ir-risposta se tkun pubblikata wara li s-Sindku, l-Viċi Sindku u l-kunsillieri qabli li din kellha tkun il-verżjoni finali. Id-DSE semma żewġ punti li ddominaw l-istess Management Letter minn Parker Russel Turner: l-ammont inkorrett li bihom il-KLQ kien qed joħroġ il-kont fuqu lill-Wasteserv Malta Ltd u  l-ammont li ġej mis-snin l-imgħoddija li jidher li l-KLQ kellu jagħti lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. | Tweġiba għall-Management Letter 2022 |
| 58.10 | **Offerti Pubbliċi** | |
| 58.10.1 | Minħabba li d-Dipartiment tal-Kuntratti bidel il-verżjoni tas-sistema tal-E-Tenders, it-Tender tal-Knis tat-Toroq Urbani tant ikkomplika ruħu biex jiġi aġġudikat illi kellu jiġi irtirat min-naħa tal-KLQ u se jkollu jerġa' jiġi ri-pubblikat. | Tender tal-Knis |
| 58.10.2 | Bidder li ħassu aggravat bl-evalwazzjoni tal-offerta pubblika tal-Perit, kitbilna u staqsa għaliex kien skwalifikat. Dan kien intalab dokument tal-Key Experts u naqas li jipprovdih fi żmien ħamest ijiem u l-Avukata tal-Kunsill qed tħejji risposta u se jiġi magħluq immedjatament. | Tender tal-Perit |
| 58.10.3 | Ir-rapport tal-bord tal-offerti dwar il-patterned concrete għall-isqaqien qiegħed ukoll jitħejja u se jitla' fil-laqgħa tal-Kunsill. | Tender tal-konkos |
| 58.11 | **Items oħra ta' xogħol li jkun meħtieġ** | |
| 58.11.1 | Is-Sur David Schembri, is-Sindku, semma kif dan ix-xahar kellu laqgħa flimkien mas-Sa Marion Parnis mad-Dipartiment tal-Customer Care tal-Onor Miriam Dalli fejn kien hemm diskussjoni dwar il-problemi tal-lampi l-ġodda tal-istreet lighting u anke dwar id-dewmien tat-tiswijiet tagħhom u anke wkoll fuq Green Infrastructure u l-ambjent fil-Qrendi. | Laqgħa Ministeru tal-Enerġija u l-Ambjent |
| 58.11.2 | Is-Sindku, is-Sur David Schembri semma' l-press call li saret mill-Onor Chris Bonnet, Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej fil-preżenza tal-uffiċjali tal-Kurja u l-Kappillan tal-Qrendi għaliex issa ntemme b'suċċess ir-restawr tal-Knisja fuq il-faċċata u l-ġenb tas-Sagristija. Għal din il-press call attenda id-DSE għan-naħa tal-KLQ. | Press Call – Restawr tal-Knisja |
| 58.11.3 | Is-Sindku, is-Sur David Schembri semma' l-press call li saret ġewwa Ħaġar | Press Call - Corallo |

| | | |
|---|---|---|
| | Qim Interpretation Centre dwar il-programm Corallo. Hu qal illi l-KLQ jista' biss ikun partner għax m'għandniex in know how biex nipparteċipaw fi programm bħal dan direttament. | |
| 58.11.4 | Is-Sindku, is-Sur David Schembri informa lill-membri, bil-laqgħa li saret mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet dwar il-Pjazza tal-Ħniena fil-preżenza tas-Segretarju Permanenti on site u oħra fl-uffiċċju. Hu qal li dan kien wieħed ta' nteress kbir għaliex minnu se tibbenefika il-lokalità tal-Qrendi. F'din l-istess laqgħa ssemma' l-paviment li jeħtieġ li jsir fil-Pjazza tal-Knisja u Triq Rokku Buhagiar. Dwar tal-aħħar, is-Sindku saħaq li m'għandiex issir bil-blokki iżda bil-qatran ikkulurit minflok. | Paviment Tal-Ħniena u Triq Rokku Buhagiar |
| 58.11.5 | Id-DSE qal li laqa' l-istedina mill-EWA u ltaqa' ma' rappreżentanti tagħhom biex iddiskuta dwar iċ-Charging Pillars. Hu qal illi l-KLQ irid isib aktar spazju biex jinstalla' aktar peress li hawn biss waħda fejn l-Iskola Primarja. Id-DSE qal illi peress li dawn ikunu fast charging u jinħtieġ ħafna kurrent, l-aħjar insibu postijiet qrib is-substations. Kienu imsemmija mil-kunsillieri: Triq Ħal Lew, Triq Manuel Sciberras, oħra maġenb iċ-Ċentru Ċiviku fis-service road fi triq it-Tempesta, Triq il-Feniċi, Triq Santa Katerina viċin il-proposta makna tal-BCRS. | Charging pillars |
| 58.11.6 | Is-Sur David Schembri tkellem dwar il-Programm Leader tal-GAL Xlokk u qal li dawn issa se jidħlu f'terminu ġdid u fuq kollox ġew aċċettati bħala entità GAL għal Malta. Għaldaqstnat il-KLQ unanimament aċċetta li jħallas il-membership ta' Eur 500 għal kull kunsillier sal-21. July 2023. | GAL Xlokk |
| 58.11.7 | Is-Sur David Schembri tkellem fuq dik li hija msejħa Pop Art Exhibition mil-Manager tal-Kultura fi ħdan ir-Reġjun Punent. Hu qal li kellu suġġeriment biex din l-esebizzjon tal-pastell issir fil-Kappella tal-Ħniena jew inkella f'dik ta' San Mattew u jista jkun li magħha jkun hemm recital mużikali u kollox isir għal ħabta ta' Novembru 2023. Is-Sa Marion Parnis issuġġeriet li jkun hemm donazzjoni għal Puttinu Cares. Is-Sur David Schembri qal li l-Cultural Manager tar-Reġjun, is-Sa Naomi ???? se tirreżenja u dan il-post se jkun qed jimtela' minn xi ħaddieħor. | Pop Art Exhibition |
| 58.11.8 | Is-Sindku, is-Sur David Schembri tkellem fuq l-Open Cinema li hija wkoll skedata għall-15 ta' Settembru ġewwa r-raħal tal-Qrendi. Is-Sur Schebri qal li dawn normalment ikunu short film u kienet saret oriġinalment mil-Valletta 18 bi sħab maċ-Ċiniżi. Is-Sur David Schembri ippropona illi għandna nikru s-siġġijiet mis-Soċjetajiet Mużikali għal Eur1.10 kull siġġu ħalli jekk xejn ikun gawda l-Qrendi u tingħata kontribuzzjoni lill-Knisja tal-Qrendi f'dan ir-rigward. | Open Cinema |
| 58.11.9 | Il-Viċi Sindku, s-Sur Patrick Bugeja tkellem fuq ix-xogħlijiet li qed isiru fi Triq il-Warda minn kuntrattur privat. Hu qal illi jidher li nqala' l-ħajt tas-Sejjiegħ għaliex bit-trinka, waqa' waħdu fl-għalqa li tinħadem u qal li issa hu l-waqt jekk hemm ċans issir bankina f'din it-triq li hija dejqa. Is-Sindku, is-Sur David Schembri ikkummenta dwar il-permess li qal li kien ħareġ għat-tħaffir madwar sena ilu. | Triq il-Warda |
| 58.11.10 | Is-Sur Patrick Bugeja, il-Viċi Sindku tkellem fuq il-problema li hemm fi Triq il-Ġwiewel. Hu qal li din trid tinkesa fejn inqala' t-tarmak u twessgħet. Is-Sur David Schembri irrisponda billi qal li din suppost se ssir minn kuntrattur Tork u Quantity Surveyor Malti, iżda l-ilma m'għandux fejn imur u se jkun soak away biex jiskula fil-pjan. | Triq il-Ġwiewel |
| 58.11.11 | Is-Sa Marion Parnis tkellmet dwar il-bżonn li jissewwew diversi qtates fl-inħawi tal-Ħniena. Hija qalet li l-problema hija l-finanzjament ta' min | Neutering tal-Qtates |

| | | |
|---|---|---|
| | jaqbadhom, jeħodhom in-Naxxar għan-neutering, jimmedikahom u jerġa' jitlaqhom lura. Hija qalet li minbarra dan irridu naraw jekk hemmx min jieħu post is-Sur Ackerly ??? tar-Reġjun Nofsinhar li kien jagħmel dan ix-xogħol. Intqal ukoll li trid issir laqgħa dwar dan u kien innotat li hawn persuna li qed taqbadhom hi u tieħu l-gaġeġ mil-KLQ, | |
| 58.11.12 | Is-Sa Marion Parnis tkellmet dwar il-possibilità li jkun iffinanzjat Mental Health Course minn xi skema bħalma kien iffinanzjat ftit ilu il-First Aid Course. Hija qalet li mportanti ħafna li fil-Qrendi jkunu jeżistu dawn is-servizzi għaliex fin-nuqqas tagħhom jista' jkun hawn riperkussjonijiet koroh. Intqal illi kien hemm iż-Żurrieqi is-Sur Karmenu Damato li kien qed jorganizzah mal-Fondazzjoni Richmond u f'każ li jsiru dawn l-arranġamenti, dan jista' jsir fl-Iskola Primarja. | Mental Health Course |
| 58.11.13 | Is-Sur Charles Zerafa staqsa jekk hux possibbli li ssir manutenzjoni fuq il-bankijiet fi Triq Mons Ġużeppi Depiro u dawk ta' Triq is-Salvatur. Dawn jistgħu ikunu mantenuti mil-ħaddiema tal-KLQ. | Manutenzjoni tal-bankijiet |
| 58.11.14 | Is-Sur Charles Zerafa tkellem dwar il-kuntrattur is-Sur Toni Barun dwar il-qtugħ tal-ħaxix ħażin fiz-zona mhux urbana: fejn iċ-ċimiterju tal-Ars, Triq il-Panorama u Triq Ħaġar Qim. Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal li dan suppost beda' l-kuntratt fi Frar u bagħatilna kont anke f'Jannar. Is-Sindku sostna li qallu li mhux se nħallsuh. Barraminhekk, dan qata' l-ħaxix ta' Triq iż-Żelliqat u ta' Ħas-Sajjiek u ma ġabrux u ġab mitt skuża biex ma jaqtax ta' Triq is-Siġġiewi minħabba t-traffiku filwaqt li jidher li fi Triq il-Panorama qabad jgħajjat miegħu wieħed minħabba li 'kien qed jeqred l-ikel tan-naħal'. Is-Sur Charles Zerafa staqsa jekk nistgħux inwaqqfuh u jitqabbad kuntrattur tal-emerġenza għaliex dan suppost għamel ta' Triq l-Għarix, Triq San Niklaw u Triq tal-Providenza. Is-Sindku qal illi biex twaqqfu trid toħroġlu tliet default notices. | Qtugħ tal-ħaxix ħażin fiz-zona rurali. |
| 58.11.15 | Is-Sur Charles Zerafa semma' wkoll il-problema fil-kuntratt tal-Knis tat-toroq Urbani. Hu qal li ħafna mid-dust bins qed jibqgħu mimlijin għaliex il-kuntrattur mhux jagħti każ. Dwar dan is-Sindku qal li l-kuntrattur ilu sena ma jibgħat il-kontijiet filwaqt li dan ma kienx 'the cheapest'. | Knis ta' toroq |
| 58.11.16 | Is-Sur Charles Zerafa tkellem dwar il-ħtieġa li titwaħħal is-cctv camera fejn il-Kappella ta' Santa Katerina biex ma jibqax jintefà żibel hemmhekk. Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi hemmhekk ġejja s-cctv camera lil se jkun qed jiffinanzja ir-Reġjun Punent bħalma ġejjin ta' Triq l-Għarix u ta' Triq Ħal-Lew. | Cctv's |
| 58.11.17 | Is-Sindku, is-Sur David Schembri semma' li fi Triq Filippu Zammit saret bankina mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet għax kien hemm diżorganizzazzjoni minħabba li n-nies kienu qed jużaw l-faċilitajiet sportivi u kienu qed ipoġġu l-kennels tal-qtates fliż-istess post. Is-Sur David Schembri qal li lejlet il-Festa ta' Lourdes kien hemm parkeġġ bl-addoċċ u se nikkunsidraw li jsiru l-parking bays. | Parkeġġ irregolari fi Triq Filippu Zammit |
| 58.11.18 | Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal li rċieva diversi lmenti dwar l-istabbilimenti f'Wied iż-Żurrieq bl-isem Il Corsaro u tal-Istep In coffee shop li qed jarmaw l-imwejjed u s-siġġijiet fuq sit Natura 2000 biswit in-niċċa tal-Madonna mingħajr permess tal-catering mill-MTA u tal-ERA. Kien deċiż unanimamet illi tittieħed azzjoni kontrihom għaliex dawn qed jarmaw fuq il-blat u saħansitra dan hu każ ripetut speċjalment minn wieħed minnhom li kellu anke saħansitra d-drenaġġ ħiereġ barra t-triq ftit ilu. Is-Sur Schembri qal li hemm ukoll attività minn Komunita' Svizzera li qed jipproponuha fin- | Teħid ta' art illegali minn imwejjed u siġġijiet f'Wied iż-Żurrieq |

| | | |
|---|---|---|
| | National Day tal-Isvizzera. Dan il-każ se mmexxu mal-Pulizija għaliex bl-armar ta' siġġijiet u mwejjed qed jinħoloq preċedent. | |
| 58.12 | **Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti numru SCH01 (27/6/23-24/7/23) u SCH183 (Ref AA/06-01)**<br>Kienu approvati l-iskedi tal-pagamenti fuq murija b'vot unanimu skont kif jidher iffirmat fuq il-kopji oriġinali. | Skedi tal-pagamenti |
| 58.13 | **Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.<br>Il-KLQ aġġorna fis-7:25pm u l-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar id-29 ta' Awwissu 2023 fl-4:30pm. | Aġġornament |

Meħuda minn Anthony Bonello u approvati llum 29.8.23 minn
Deputat Segretarju Eżekuttiv

David Schembri MQR
Sindku